KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2011 [1]

Kawża C-504/09 P

Il-Kummissjoni Ewropea,
Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
vs

Ir-Repubblika tal-Polonja

"Appell — Ambjent — Tniġġis atmosferiku — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali ta' allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-Repubblika tal-Polonja għall-perijodu bejn l-2008 u l-2012 — Kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni — Artikoli 9(1) u (3) u 11(2) tad-Direttiva 2003/87"

I – Introduzzjoni

1. L-appelli preżenti jikkonċernaw is-sistema stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 338, p. 18), iktar 'il quddiem id-"Direttiva".

2. Bl-appelli tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jitolbu l-annullament totali tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li saret il-Qorti Ġenerali). tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (T-183/07, Ġabra p. II-3395, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha, hija annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 1295 finali, tas-26 ta' Marzu 2007, li tirrigwarda l-pjan nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (iktar 'il quddiem il-"PNA") innotifikat mir-Repubblika tal-Polonja għall-perjodu mill-2008 sal-2012 skont id-Direttiva 2003/87 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

II – Il-kuntest ġuridiku

3. L-Artikolu 9 tad-Direttiva jistipula :

"1. Għal kull perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1) u (2) [tad-Direttiva], kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżviluppa pjan nazzjonali fejn jiddikjara l-kwantità totali tal-kwoti li jkun beħsiebu jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u kif jipproponi li jallokahom. Il-pjan għandu jkun imsejjes fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi dawk elenkati fl-Anness III [tad-Direttiva], filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku. Mingħajr preġudizzju għat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-iktar tard sal 31 ta' Diċembru 2003 gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji elenkati fl-Anness III [tad-Direttiva].

1 — Lingwa oriġinali: is-Sloven; lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Għall-perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1), il-pjan għandu jiġi ppjanat [ppubblikat] u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru [Marzu] 2004. Għall-perjodi sussegwenti taż-żmien, il-pjan għandu jiġi ppubblikat u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu taż-żmien rilevanti.

2. Il-pjani ta' l-allokazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati ġewwa l-kumitat riferit fl-Artikolu 23(1) [tad-Direttiva].

3. Fi żmien tliet xhur min-notifika tal-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet minn Stat Membru skond il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta dan il-pjan, jew kull aspett minnu, fuq il-bażi li ma jkunx kompatibbli mal-kriterji elenkati fl-Anness III jew ma' l-Artikolu 10 [tad-Direttiva]. L-Istat Membru għandu jieħu deċiżjoni biss skond l-Artikolu 11(1) jew (2) jekk l-emendi proposti jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni."

4. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva:

"Għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, u għal kull perjodu taż-żmien ta' ħames snin sussegwenti, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiddeċiedi l-kwantità totali tal-kwoti li jrid jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u jinizja l-proċess ta' l-allokazzjoni ta' dawn il-kwoti lill-operatur ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti taż-żmien u għandha tkun imsejsa fuq il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet żviluppat skond l-Artikolu 9 u skond l-Artikolu 10, filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku."

5. L-Anness III tad-Direttiva jelenka tnax-il kriterju applikabbli għall-PNA. Il-kriterji stabbiliti fil-punti 1 sa 3 u 12 tal-imsemmi anness jipprevedu rispettivament dan li ġej:

"1. Il-kwantità totali tal-għoti tal-kwoti li jridu jiġu allokati għall-perjodu rilevanti taż-żmien għandha tkun konsistenti ma' l-obbligu ta' l-Istat Membru li jillimita l-emissjonijiet tiegħu skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto, fil-waqt li jitqiesu, minn banda waħda, l-proporzjon ta' l-emissjonijiet ġenerali li dawn l-emissjonijiet jirrappreżentaw f'paragun ma' l-emissjonijiet minn sorsi mhux koperti b'din id-Direttiva u, mill-banda l-oħra, il-politiki nazzjonali dwar l-enerġija, u għandhom ikunu konsistenti mal-programm nazzjonali tal-bidla fil-klima. Il-kwantità totali tal-kwoti li trid tiġi allokata ma għandhiex tkun iktar milli x'aktarx li tkun meħtieġa għall-applikazzjoni stretta tal-kriterji ta' dan l-Anness. Qabel is-sena 2008, il-kwantità għandha tkun konsistenti mat-triq lejn il-kisba jew in-nuqqas tal-kisba tal-mira ta' kull wieħed mill-Istati Membri skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto.

2. Il-kwantità totali tal-għoti tal-kwoti li trid tiġi allokata għandha tkun konsistenti ma' l-istimi tal-progress attwali u proġettati sabiex iwettqu l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri għall-impennji Komunitarji magħmula skond id-Deċiżjoni 93/389/KEE.

3. Il-kwantitajiet tal-kwoti li jridu jiġu allokati għandhom ikunu konsistenti mal-potenzali, inkluż il-potenzjal teknoloġiku, ta' l-attiviajiet koperti b'din l-iskema sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jsejsu d-distribuzzjoni tagħhom tal-kwoti fuq l-emissjonijiet medji tal-gassijiet serra skont il-prodott f'kull attività u l-progress li jista' jinkiseb f'kull attività.

[…]

12 Il-pjan għandu jispeċifika l-ammont massimu ta' [tnaqqis ta' emissjonijiet iċċertifikati] u [unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet] li jista' jintuża minn operaturi fl-iskema tal-Komunità bħala persentaġġ ta' l-allokazzjoni tal-kwoti għal kull stallazzjoni. Il-persentaġġ għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi supplimentari ta' l-Istati Membri taħt il-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kyoto."

6. F'dak li għandu x'jaqsam ma' dispożizzjonijiet rilevanti f'dan il-każ, għandu jsir riferiment għad-deskrizzjoni tal-kuntest ġuridiku fis-sentenza appellata.

III – Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

7. Il-fatti li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u d-dispożittiv tagħha huma spjegati fil-punti 9 sa 15 tas-sentenza appellata.

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

8. Ir-Repubblika tal-Polonja ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali hija spjegata fil-punti 16 sa 24 tas-sentenza appellata.

9. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi.

10. Primarjament, fil-punti 70 sa 134 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi ta' stħarriġ tagħha skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ġiet akkużata li ma llimitatx ruħha għal stħarriġ ta' konformità tal-PNA tar-Repubblika tal-Polonja iżda ssostitwixxiet id-data użata mir-Repubblika tal-Polonja b'data tagħha stess, miksuba permezz tal-metodu ta' evalwazzjoni tagħha. It-tieni nett, hija lmentat li l-Kummissjoni stabbilixxiet hija stess il-livell massimu tal-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokati fid-deċiżjoni kontenzjuża.

11. Sussegwentement, fil-punti 135 sa 154 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni meta warrbet id-data miżmuma mir-Repubblika tal-Polonja mingħajr ma spjegat kif din id-data ma kinitx tosserva l-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva.

12. Fl-aħħar nett, fil-punti 155 sa 163 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dawn l-iżbalji ta' liġi kienu jwasslu mhux biss għall-annullament tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, iżda wkoll tad-deċiżjoni fl-intier tagħha minħabba n-natura mhux separabbli tad-dispożizzjonijiet l-oħra tagħha.

V – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Il-Kummissjoni appellat mis-sentenza appellata u titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

14. Fir-risposta tagħha għall-appell tal-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell fl-intier tiegħu abbazi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 116(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċħadx l-appell fl-intier tiegħu, teżamina u tiddeċiedi fuq it-talbiet kollha ppreżentati fl-ewwel istanza u, b'mod partikolari, teżamina u tiddeċiedi fuq l-ewwel motiv tar-rikors għal annullament, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 116(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċħadx l-appell fl-intier tiegħu, u ma tiddeċidix fuq it-talbiet ippreżentati fl-inċiż hawn fuq, tiddeċiedi fuq it-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza fit-tielet sad-disa' motiv wara eżami tal-kawża mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali, skont l-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

15. Fir-risposta tiegħu għall-appell tal-Kummissjoni, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tilqa' l-appell tal-Kummissjoni u tannulla s-sentenza appellata, ħlief għal dak li jirrigwarda l-ewwel motiv.

16. B'digriet tat-28 ta' Ġunju 2010, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija ġew awtorizzati jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Polonja, u r-Renju tad-Danimarka ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

17. Matul is-seduta li nżammet fid-29 ta' Settembru 2011, ir-rappreżentanti tal-Gvern Daniż, Pollakk u Ċek, flimkien ma' dawk tal-Kummissjoni, ippreċiżaw il-pożizzjonijiet tagħhom u wieġbu għall-mistoqsijiet li sarulhom.

VI – Fuq l-interess ġuridiku tal-Kummissjoni

18. Fil-11 ta' Dicembru 2009, jiġifieri wara l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u wara li l-Kummissjoni ppreżentat l-appell tagħha mis-sentenza appellata, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida abbażi tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. F'din id-deċiżjoni ġdida, hija ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Polonja u kkonfermat l-inkompatibbiltà tiegħu mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, mingħajr ma indikat livell massimu għall-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokati. Ir-Repubblika tal-Polonja ma opponietx id-deċiżjoni l-ġdida u nnotifikat PNA ġdid fit-8 ta' April 2010, fejn fih hija pproponiet kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokati ta' 208.5 miljun ta' tunnellati ta' CO2. F'deċiżjoni tad-19 ta' April 2010, il-Kummissjoni ma esprimiet l-ebda riżerva kontra dan il-PNA.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi eżaminat l-interess ġuridiku tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqajjem *ex officio* n-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' parti biex din tkompli appell, minħabba fatt li seħħ wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li jkun tali li jneħħi n-natura dannuża tagħha għall-appellant, kif ukoll li tiddikjara l-appell inammissibbli jew mingħajr skop minħabba din ir-raġuni. L-eżistenza ta' interess ġuridiku ta' appellant jissoponi li l-appell ikun jista', bir-riżultat tiegħu, jagħti benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu [2].

20. F'dan il-każ, l-adozzjoni tad-deċiżjoni l-ġdida ma kellhiex bħala konsegwenza t-tneħħija tal-interess ġuridiku kollu tal-Kummissjoni li tkompli l-appell. Ċertament, annullament eventwali tas-sentenza appellata ma jkollux bħala effett li jerġa' jagħti effett lid-deċiżjoni kontenzjuża li fil-frattemp tkun ġiet issostitwita bid-deċiżjoni l-ġdida. Madankollu, sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonferma l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva difiża mill-Kummissjoni tissalvagwardja interess ġurudiku għall-Kummissjoni. Fil-fatt, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Rumanija attakkaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li permezz tagħhom ċaħdet il-PNA rispettivi tagħhom [3]. Dawn il-proċeduri ġew sospizi sakemm jingħataw is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża preżenti u fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-505/09 P). Għaldaqstant, il-Kummissjoni żżomm interess ġuridiku fir-rigward ta' dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

2 — Sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni (C-19/93 P, Ġabra.p. I-3319, punt 13) u tat-3 ta' Settembru 2009, Moser Baer India vs Il-Kunsill (C-535/06 P, Ġabra p. I-7051, punt 24).

3 — Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-194/07, ĠU 2007, C 199, p. 38); L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-221/07, ĠU 2007, C 199, p. 41); Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni, , (T-368/07, ĠU 2007, C 283, p. 35);Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (T-483/07, ĠU 2008, C 51, p. 56) u Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (T-484/07, ĠU 2008, C 51, p. 57).

VII – Fuq l-ewwel aggravju

21. Bl-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, li ddecidiet *ultra petita* u li marret lil hinn mill-kompetenzi ta' stħarriġ tagħha.

22. Dan l-aggravju jirreferi għall-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 70 sa 79 tas-sentenza appellata. Fil-punt 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li t-tieni motiv tar-rikors tar-Repubblika tal-Polonja jinqasam f'żewġ partijiet, l-ewwel waħda bbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u t-tieni waħda fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva. Sussegwentement, fil-punti 71 sa 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni, li tgħid li t-tieni parti tat-tieni motiv huwa motiv ġdid li tqajjem mir-Repubblika tal-Polonja għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika u li għalhekk huwa inammissibbli. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà. Hija kkonstatat li l-argumenti dwar il-ksur tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jinsabu diġà fir-rikors tar-Repubblika tal-Polonja u li l-argumenti supplimentari li din ressqet fil-kuntest tar-replika tagħha kienu biss amplifikazzjoni ta' din it-parti.

23. Il-Kummissjoni kkritikat lill-Qorti Ġenerali talli laqgħat it-tieni parti tat-tieni motiv invokat mir-Repubblika tal-Polonja. Hija tikkunsidra li din il-parti ma tirriżultax mill-argumenti mressqa mir-Repubblika tal-Polonja fir-rikors tagħha

24. L-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li t-tieni parti tat-tieni motiv tar-Repubblika tal-Polonja kienet ammissibbli.

25. Mill-Artikoli 21 u 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jirrizulta li rikors għandu jindika, b'mod partikolari, sunt tal-motivi mressqa. Motiv li jallega ksur ta' norma ġuridika fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE (li sar l-Artikolu 263 TFUE) għandu għaldaqstant jindika n-norma kkonċernata.

26. L-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi li ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat fil-mori tal-kawża sakemm dan il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Din ir-regola li ma tippermettix motivi ġodda għandha tigi interpretata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, minn naħa l-għanijiet tagħha li tiggarantixxi amministrazzjoni tajba tal-Ġustizzja u tar-rispett tad-dittijiet tad-difiza, u min-naħa l-oħra, tad-dritt għal rimedju effettiv. Fid-dawl ta' dawn il-principji, motiv għandu jitqies ammissibbli meta l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat jirriżultaw b'mod suffiċjentement ċar u preċiż mir-rikors, sabiex il-konvenut ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu u l-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddeċiedi dwar ir-rikors, anki mingħajr informazzjoni oħra. Għaldaqstant huwa suffiċjenti li għall-inqas b'mod sommarju iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, il-motiv jirriżulta mir-rikors[4].

27. Bil-kontra ta' dak li tiddikjara l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-kritika ta' interpretazzjoni jew ta' applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva tirrizulta b'mod suffiċjentement ċar u preċiż mir-rikors tar-Repubblika tal-Polonja. Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 73 u 74 tas-sentenza appellata, fl-imsemmi rikors, il-Polonja kienet ikkritikat il-fatt li, billi naqset milli teżamina d-data li r-Repubblika tal-Polonja kienet ippreżentat fil-PNA tagħha u billi llimitat ruħha li tressaq id-data tagħha stess, il-Kummissjoni maret lil hinn mill-kompetenzi tagħha.

28. Sussegwentement, jeħtieġ li l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-Qorti Ġenerali ddeterminat hija nnifisha li din il-parti tal-motiv kienet tirrigwarda l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, tiġi miċħuda. Hekk kif il-Qorti Ġenerali ddikjarat fil-punt 75 tas-sentenza appellata, ir-Repubblika tal-Polonja rreferiet għall-Artikolu 9(3) tad-Direttiva fil-kuntest tat-tieni motiv tagħha, fil-punt 54 tar-rikors tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li kien evidenti li r-Repubblika tal-Polonja kienet qiegħda tirreferi għal din id-dispożizzjoni li kienet il-bażi legali tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

4 — Sentenzi tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI (C-412/05 P, Ġabra p. I-3569, punti 38 sa 40); tas-17 ta' Lulju 2008, Campoli vs Il-Kummissjoni (C-71/07 P, Ġabra p. I-5887, punt 63).

29. Fl-aħħar nett l-eċċezzjoni li tgħid li r-raġunament tar-Repubblika tal-Polonja fil-kuntest tat-tieni motiv ma kienx ċar, peress li din rreferiet għal dispożizzjonijiet oħra u mhux għall-Artikolu 9 (3) tad-Direttiva, hija infondata. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, ir-riferiment għall-Artikolu 9(1) tad-Direttiva ma setax iqajjem dubju dwar is-suġġett tat-tieni parti tal-motiv. Fil-fatt, teżisti rabta mill-qrib bejn dawn iz-żewġ dispożizzjonijiet: sa fejn il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha ta' stħarriġ ta' PNA fis-sens tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, hija tidħol fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri għat-tfassil tal-PNA skont l-Artikolu 9(1).

30. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

VIII – Fuq it-tieni aggravju

31. It-tieni aggravju tal-Kummisjsoni jirrigwarda żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

32. Dan l-aggravju jirrigwarda l-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġenerali li tidher fil-punti 80 sa 134 tas-sentenza appellata. F'din il-parti tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fil-punti 80 sa 92 għamlet, qabel xejn, xi osservazzjonijiet dwar l-għanijiet tad-Direttiva, it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-ambitu tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Sussegwentement, fil-punti 99 sa 134 tas-sentenza appellata, hija kkonstatat li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(1) u (3) tad-Direttiva, min-naħa billi ssostitwixxiet il-metodu ta' evalwazzjoni tad-data proposta mir-Repubblika tal-Polonja fil-PNA tagħha, bil-metodu ta' evalwazzjoni u data tagħha stess, u min-naħa l-oħra, billi indikat livell massimu vinkolanti tal-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra li jridu jiġu allokati.

33. Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet preliminari tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni tikkritika, l-ewwel nett, lill-Qorti Ġenerali talli kkonstatat li l-istħarriġ ta' PNA mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva huwa stħarriġ ta' konformità li huwa ristrett ħafna (A). Sussegwentement, il-motiv tal-Kummissjoni jinqasam f'żewġ partijiet, fejn l-ewwel waħda hija bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (B), u t-tieni parti hija bbażata fuq il-fatt li ġew injorati l-għan u l-iskop tad-Direttiva (C).

A – *Fuq in-natura tal-istħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva*

34. Jeħtieg li l-ewwel nett jiġi eżaminat il-mertu tal-kritika tal-osservazzjonijiet preliminari tal-Qorti Generali dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

35. L-ewwel nett, fil-punti 82 u 83 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE (li sar it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE), u sostniet li fil-qasam tal-ambjent, irregolat permezz tal-Artikoli 174 KE sa 176 KE (li saru l-Artikoli 191 TFUE sa 193 TFUE), il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri huma kondiviżi. Minn dan hija ddeduċiet li, fl-assenza ta' norma Komunitarja li tipprovdi, b'mod ċar u preċiż, il-forma u l-mezzi li għandhom jiġu użati mill-Istat Membru, il-libertà tal-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-forom u tal-mezzi tibqa', bħala prinċipju, sħiħa, u li għaldaqstant huwa l-obbligu tal-Kummissjoni li turi, kif meħtieġ mil-liġi, li l-istrumenti użati mill-Istat Membru jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Sussegwentement, fil-punti 85 sa 88 tas-sentenza appellata, il-Qorti Generali kkunsidrat li l-Istati Membri biss huma kompetenti għat-tfassil tal-PNA u għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet finali li jikkoncernaw il-kwantità totali ta' kwoti u li jiddisponu minn ċertu marġini ta' manuvra fl-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi. Fl-aħħar nett, rigward il-kompetenzi tal-Kummissjoni il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li jirrizulta b'mod inekwivoku mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li s-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni hija ristretta ħafna, peress li l-Kummissjoni biss tista' tivverifika l-konformità ta' PNA tal-Istat Membru mal-kriterji elenkati fl-Anness III u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva.

36. Fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju Unit, tgħid li s-setgħa tagħha ta' stħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, ma tistax tiġi kklassifikata bħala stħarriġ ta' konformità ristrett ħafna. Qabel ma jsir eżami tal-kritika tagħha (2) jeħtieġ, qabel xejn, li niddeskrivu fil-qosor il-proċedura ta' stħarriġ tal-PNA stabbilita mill-Artikoli 9 sa 11 tad-Direttiva (1).

1. Il-proċedura ta' stħarriġ tal-PNA

37. Skont l-Artikolu 1, id-Direttiva tistabbilixxi sistema Komunitarja ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-iskop li tippromwovi t-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod effettiv rigward spejjeż u effikaċja ekonomika.

38. Fil-kuntest ta' din is-sistema, hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jfassal PNA li jippreċiża, b'mod partikolari, il-kwantità totali ta' kwoti li għandu l-intenzjoni li jalloka għall-perijodu kkonċernat u l-mod kif jipproponi li jattribwihom. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 9 (1) tad-Direttiva, dan il-PNA għandu jkun ibbazat fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, li jinkludu l-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ifformulati mill-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-PNA tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra tmintax-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu ta' skambju kkonċernat.

39. Skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, il-Kummissjoni tivverifika jekk il-PNA nnotifikati humiex konformi mal-kriterji li jinsabu fl-Anness III u fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva u tiċħad dawk li ma humiex. Mill-Artikolu 11(2) tad-Direttiva jirriżulta li Stat Membru jista' jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu relattiva għall-kwantità totali ta' kwoti li ser jalloka għall-perijodu kkonċernat fuq PNA li l-Kummissjoni approvat jew li ma ċaħditx fi żmien tliet xhur min-notifika tiegħu. Bil-kontra, Stat Mambru ma jistax jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu fuq PNA li l-Kummissjoni ċaħdet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiddisponi minn poter ta' bblukkar.

2. Fuq il-kritika tal-Kummissjoni

40. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-istħarriġ tal-PNA mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva huwa stħarriġ ta' konformità. Kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 89 tas-sentenza appellata, jirriżulta b'mod inekwivoku minn din id-dispożizzjoni li r-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat għal stħarriġ tal-konformità tal-PNA tal-Istat Membru mal-kriterji elenkati fl-Anness III u fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Għaldaqstant, biex tiċħad PNA, il-Kummissjoni għandha turi li l-Istati Membru mar lil hinn mil-marġni ta' manuvra li tatih id-Direttiva.

41. Il-kritiki li l-Kummissjoni tressaq kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma humiex fondati.

42. L-ewwel nett, ma jistax jigi dedott min-natura preċedenti tal-istħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva li dan imur lil hinn minn stħarriġ ta' konformità. Huwa minnu li d-Direttiva tattribwixxi rwol importanti lill-Kummissjoni li tiddisponi, b'mod parikolari, minn setgħa ta' stħarriġ u ta' bblukkar. Madankollu, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma jagħtix lill-Kummissjoni s-setgħa li tieħu post Stat Membru f'dak li jirrigwarda t-tfassil tal-PNA tiegħu jew l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tiegħu rigward il-kwoti li jridu jiġu allokati. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tistax tiċħad PNA ħlief meta hija turi li l-Istat Membru mar lil hinn mill-marġni ta' manuvra li tatih id-Direttiva.

43. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li klassifikazzjoni tal-istħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva bħala stħarriġ ta' konformità, hija konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, li jgħid li direttiva torbot lill-Istat Membru kemm dwar ir-riżultat mistenni, filwaqt li tħalli lill-korpi nazzjonali l-kompetenza dwar fil-forma u l-mezzi. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, din ir-regola hija applikabbli f'dan il-każ.

44. Qabel xejn, jeħtieġ li l-argument tal-Kummissjoni, li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE huwa applikabbli biss għal stħarriġ *a posteriori*, bhalma huwa dak eżerċitat fil-kuntest ta' proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi miċħud. Din ir-regola għandha applikazzjoni ġenerali. Għaldaqstant, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-każ preżenti, meta jeħtieġ li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex tirrispetta l-għażla tal-Istati Membri fir-rigward tad-data u l-metodi ta' evalwazzjoni użati għat-tfassil tal-PNA tagħhom.

45. Sussegwentement, jeħtieġ li jiġi miċħud ir-raġunamnet tal-Kummissjoni li jgħid li l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu użu minn marġni ta' manuvra, peress li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 ma huwiex applikabbli minħabba n-natura "leġiżlattiva" tal-Artikolu 9(3) tad-Direttva. Il-Kummissjoni tqis li dispożizzjoni ta' direttiva li għandha l-iskop li tapplika biss bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri u li l-applikabbiltà tagħha, għalhekk, ma tiddependix minn traspożizzjoni minn qabel fil-liġi nazzjonali, għandha natura "leġiżlattiva". Dan ir-raġunament ma huwiex konvinċenti. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE japplika għad-dispożizzjonijiet kollha ta' direttiva u, għaldaqstant, japplika wkoll għad-dispożizzjonijiet li għandhom l-iskop li japplikaw biss bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tressaq l-ebda raġuni konvincenti li tiġġustifika li dispożizzjoni, bħall-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, ma għandhiex tħalli marġni ta' manuvra lill-Istati Membri fejn jirrigwarda l-forma u l-mezzi, meta dawn l-elementi ma jkunux ġew armonizzati fid-Direttiva. Fi kwalunkwe każ, l-approċċ tal-Qorti Ġenerali huwa ġġustifikat fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva ġiet adottata f'qasam fejn il-kompetenza hija kondiviża, fejn l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sa fejn aspett li ma ġiex armonizzat.

46. It-tielet nett, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka b'suċċess li hija għandha marġni ta' diskrezzjoni sa fejn hija għandha twettaq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi u ekoloġiċi tagħha stess fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha tal-PNA skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva u li dan il-marġni ta' diskrezzjoni jillimita l-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri. Fil-fatt, dan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni ma jistax ibiddel in-natura tal-istħarriġ previst fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, f'stħarriġ ta' konformità. Għaldaqstant, il-marġni ta' diskrezzjoni li tiddisponi minnu l-Kummissjoni jippermettielha li tiddetermina punt ta' paragun ibbazat fuq data u metodi tal-għażla tagħha u li hija tista' tuża biex turi li l-PNA ma huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Madanakollu, ma jippermettilhiex li tirrifjuta l-PNA ta' Stat Membru għall-uniku raġuni li ma huwiex konformi mal-punt ta' paragun li hija għażlet.

47. Għaldaqstant l-akkużi mressqa kontra l-osservazzjonijiet preliminari tal-Qorti Ġenerali fil-punti 82 sa 89 tas-sentenza kkontestata għandhom jiġu miċħuda.

B – *Fuq l-ewwel parti bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

48. L-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Kummissjoni tirreferi għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva meta ssostitwit l-analiżi proprja tagħha għal dik magħmula mir-Repubblika tal-Polonja. Din il-parti tinqasam f'żewġ eċċezzjonijiet ibbazati, min-naħa waħda, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (1) u, min-naħa l-oħra, fuq żball tal-liġi tal-Qorti Ġenerali rigward id-data sostitwita mill-Kummissjoni (2).

1. Fuq l-eċċezzjoni bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

49. Fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ddefendiet l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li tgħid li hija ma kinitx obbligata teżamina d-data li r-Repubblika tal-Polonja inkludiet fil-PNA tagħha, filwaqt li invokat li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kien jobbligaha tuża data li tirrizulta mill-istess sorsi u metodi ta' evalwazzjoni identici għall-PNA tal-Istati Membri kollha.

50. Fil-punti 100 sa 120 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-raġunament. Hija kkunsidrat li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jistax jimmodifika t-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri previst mid-Direttiva, li skontha dawn tal-aħħar għandhom il-kompetenza biex ifasslu l-PNA tagħhom u biex jieħdu d-deċiżjoni finali dwar il-kwantità tal-kwoti li jridu jiġu allokati. Fin-nuqqas ta' setgħa ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni u ta' rwol ċentrali tagħha fit-tfassil tal-PNA, hija ma tistax tinvoka l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament biex timponi metodu ta' evalwazzjoni uniformi għall-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-konformità tad-data mniżżla fil-PNA tar-Repubblika tal-Polonja mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, u għalhekk ma tistax tillimita ruħha li tissostitwixxi d-data tagħha mad-data inkluża fil-PNA.

51. Il-Kummissjoni, appoġġjata mir-Repubblika tad-Danimarka, takkuża lill-Qorti Ġenerali li interpretat b'mod żbaljat is-setgħa ta' stħarriġ tagħha fis-sens tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva u li kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Hija għandha l-obbligu li tuża data aġġornata u li tirriżulta mill-istess sors, kif ukoll tbassir li jirriżulta mill-istess perijodu għall-Istati Membri kollha sabiex tiggarantixxi t-ugwaljanza fit-trattament tal-PNA kollha.

52. Jeħtieġ li tiġi eżaminata l-akkuza ta' interpretazzjoni żbaljata tal-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva (a), qabel ma tiġi ttrattata l-kritika ta' ksur tal-prinċipju ta' trattament ugawli (b). Fl-aħħar nett, ser nanalizza l-kritiki l-oħra magħmula kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali (ċ).

a) Fuq il-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni

53. L-ewwel nett, il-Kummissjoni takkuza lill-Qorti Ġenerali li interpretat b'mod żbaljat il-portata tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Hija tal-fehma li għandha intitolata tiddetermina hija stess il-parametri biex tevalwa l-konformità tad-data inkluża fil-PNA mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Konsegwentement, hija tal-fehma li ma hijiex obbligata tivverifika l-awtentiċità tad-data ekonomika użata fil-PNA

54. Din l-akkuza tal-Kummissjoni ma hijiex fondata. Il-Qorti Ġenerali sostniet, kif inhu xieraq, li l-Kummissjoni kellha tivverifika jekk id-data ekonomika li r-Repubblika tal-Polonja inkludiet fil-PNA tagħha kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

55. Kif intqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jokkonferixxi lill-Kummissjoni setgħa ta' stħarriġ ta' konformità biss, li jippermettilha tiċħad PNA ta' Stat Membru li ma huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III, jew mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [5].

56. Rigward il-grad tal-istħarriġ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, kif inhu xieraq, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, li l-Anness III tad-Direttiva jelenka l-kriterji li Stat Membru għandu josserva fil-PNA tiegħu, mingħajr madankollu ma jippreskrivi l-forom u l-mezzi li għandhom jintużaw biex tiġi evalwata l-konformità tal-PNA mal-kriterji msemmija. Għaldaqstant l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jużaw data u metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħhom taħt il-kundizzjoni li dawn ma jwasslux għal rizultati li ma jkunux konformi ma' dawn il-kriterji. Fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tossserva dan il-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri. Minn dan jirriżulta li hija ma tistax tiċħad il-PNA ta' Stat Membru għas-sempliċi raġuni li d-data inkluża fih ma hijiex konformi mad-data magħżula minnha, iżda li hija obbligata li turi li d-data inkluża fil-PNA ma hijiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

57. L-argumenti li l-Kummissjoni ressqet insostenn tal-pożizzjoni tagħha ma humiex konvinċenti.

5 — Ara l-punti 40 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58. L-ewwel nett, jeħtieġ li jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li hija ma kinitx obbligata teżamina d-data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Polonja peress li hija kienet fakkret lill-Istati Membri dwar l-importanza tad-data vverifikata ta' emissjonijiet reali. Approċċ bħal dan ikun iġġustifikat f'sistema li tippermetti lill-Kummissjoni tieħu post l-Istati Membri jew li tiddetermina hija stess il-parametri applikabbli għall-evalwazzjoni tal-kriterji ta' konformità. Id-Direttiva ma tagħtix tali setgħat lill-Kummissjoni. Fl-ipotesi fejn il-Kummissjoni kellha dubji rigward il-konformità tad-data inkluża fil-PNA, hija kellha l-obbligu li turi n-nuqqas ta' konformità ta' din id-data mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

59. It-tieni nett, ma jistax jiġi dedott, min-natura simultanja tal-istħarriġ tal-PNA tal-Istati Membri differenti mill-Kummissjoni, li d-Direttiva tagħtiha s-setgħa li tissostitwixxi d-data tal-għażla tagħha mad-data inkluża fil-PNA minn Stat Membru.

60. It-tielet nett, interpretazzjoni teleoloġika li tenfasizza l-għan tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, ma tiġġustifikax l-approċċ tal-Kummissjoni, skont liema approċċ hija ma hijiex obbligata teżamina d-data li r-Repubblika tal-Polonja inkludiet fil-PNA tagħha.

61. Approċċ bħal dan ma jsibx bażi fil-premessa 30 tad-Direttiva. Din il-premessa tipprovdi biss li s-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ma tistax issir b'mod sufficjenti mill-Istati Membri meta jaġixxu individwalment u li għaldaqstant tista' ssir aħjar fil-livell komunitarju.

62. Sussegwentement, jeħtieġ li jiġi miċħud l-argument li jsostni li jekk isir mod ieħor minn dak propost mill-Kummissjoni, l-għanijiet tad-Direttiva ma jkunux jistgħu jintlaħqu. F'qasam fejn il-kompetenza hija kondiviza, bħal ma huwa l-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jiddetermina l-miżuri li huwa jikkunsidra neċessarji biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Meta l-għażla tal-leġiżlatur toħroġ b'mod ċar u inekwivoku mill-att ikkoncernat, il-Qrati tal-Unjoni ma jistgħux jissostitwixxu l-evalwazzjoni tagħhom għal dik ta' leġiżlatur permezz ta' interpretazzjoni teleoloġika.

63. Ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti biss setgħa ta' stħarriġ ta' konformità u mhux setgħa ta' sostituzzjoni jew ta' standardizzazzjoni lill-Kummissjoni tirriżulta kemm mill-formulazzjoni ċara u inekwivoka tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, kif ukoll mix-xogħlijiet preparatorji tagħha[6]. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, sostnuta mill-Kummissjoni tmur lil hinn mil-limiti ta' interpretazzjoni teleoloġika. Huwa kompitu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimmodifika din id-dispożizzjoni, jekk iqis li din ma tippermettix li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa[7].

64. Għaldaqstant, il-kritika li tikkonċerna nozzjoni żbaljata tal-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva għandha tiġi miċħuda.

b) Dwar il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

65. It-tieni nett, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

6 — Ara l-paġna 12 tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2001) 581, tat-23 ta' Ottubru 2001, minn fejn jirriżulta li d-determinazzjoni tal-kwantitajiet totali ta' kwoti maħruġa għandhom essenzjalment jitħallew għall-evalwazzjoni tal-Istati Membri li għandhom, madankollu, josservaw il-kriterji ddefiniti fl-Anness III tad-Direttiva u li dawn il-kriterji jistgħu jiġu sussegwentement immmodifikati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

7 — F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni mmodifika preċiżament dan l-aspett tad-Direttiva. L-Artikolu 9 tad-Direttiva, kif emendat bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140 p. 63), jipprovdi li l-kwantità ta' kwoti maħruġa kull sena għall-Komunità kollha b'effett mill-2013 ser tonqos b'mod lineari b'1.74 % meta mqabbla mal-medja tat-total annwali ta' kwoti maħruġa mill-Istati Membri skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relattivi għall-PNA tagħhom għall-perjodu 2008-2012, li jibda min-nofs l-2008-2012.

66. Din l-akkuża ma hijiex fondata

67. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat. L-elementi li jikkaratterizzaw sitwazzjonijiet differenti u għaldaqstant in-natura komparabbli tagħhom għandhom jiġu stabbiliti u evalwati fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni [8].

68. Għandu jiġi kkonstatat li l-akkuża tal-Kummissjoni hija bbażata fuq nozzjoni żbaljata tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni ma tawtorizzaahiex tiddetermina l-parametri ekonomiċi li għandhom jintuzaw biex tiġi evalwata l-konformità ta' PNA mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Kif imsemmi hawn fuq, id-Direttiva tħalli marġni ta' manuvra lill-Istati Membri li huma ħielsa li japplikaw id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħhom, bil-kundizzjoni li dawn l-għażliet ma jwasslux għal riżultati li ma jkunux konformi ma' dawn il-kriterji. Id-differenzi possibbli bejn l-għażliet tal-Istati Membri huma manifestazzjoni tal-marġni ta' manuvra tagħhom li l-Kummissjoni għandha tirrispetta fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha ta' konformità. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tiksirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta taċċetta l-għażliet differenti tal-Istati Membri sa fejn dawn ma jmorrux lil hinn mill-marġni ta' manuvra tagħhom.

69. Għaldaqstant l-akkuża ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha tiġi miċħuda.

ċ) Fuqr l-akkużi l-oħra

70. It-tielet nett, jeħtieġ li l-akkużi l-oħra mressqa mill-Kummissjoni jiġu miċħuda.

71. Qabel xejn, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li injorat il-ġurisprudenza tagħha meta aċċettat, fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata, possibbilta illimitata ta' modifika tal-PNA. Skont il-Kummissjoni, PNA li ġie nnotifikat lill-Kummissjoni ma jistax jiġi mmodifikat ħlief fid-dawl tal-adattament tiegħu skont id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni. Jekk ikun mod ieħor, il-funzjonament tas-sistema ta' skambju ta' kwoti tiġi ppreġudikata u l-Istati Membru jiġu mħeġġa jittardjaw in-notifika tal-PNA tagħhom jew li jinnotifikaw PNA mhux komplet biex imbagħad ikunu jistgħu jagħmlu użu minn data iktar favorevoli. Din l-akkuża għandha tiġi miċħuda, mingħajr il-ħtieġa li jsir eżami tal-mertu tagħha. Fil-fatt, anki jekk l-akkuża tal-Kummissjoni kienet fondata, hija ma tistax timmina l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummisjsoni kienet obbligata tistħarreġ il-konformità tad-data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Polonja mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, u għalhekk ma setgħatx tillimita ruħha li tissostitwixxi d-data tagħha mad-data inkluża fil-PNA tagħha.

72. Sussegwentement, l-ilment tal-Kummissjoni bbażat fuq kontradizzjoni tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 113 sa 116 tas-sentenza appellata meta mqabbla mal-pożizzjoni tagħha preċedenti, li tgħid li l-Istati Membri huma kompetenti biex ifasslu l-PNA, ma hijiex fondata. F'din il-parti tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sostniet biss li l-Kummissjoni hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni d-data aġġornata ppreżentata mill-Istat Membru. Għaldaqstant, ma kkontestatx il-pożizzjoni tagħha li l-Istati Membri huma kompetenti għat-tfassil tal-PNA.

d) Konkluzjoni

73. L-ilment li jirreferi għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva meta ssostitwixxiet l-analiżi tagħha għal dik magħmula mir-Repubblika tal-Polonja, għandha tigi miċħuda bħala infondata.

8 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantiqie u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra 2009 p. I-9895, punti 23 sa 26).

2. Fuq l-ilment ibbażat fuq interpretazzjoni mhux preċiża tas-sitwazzjoni fattwali

74. Il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod mhux preċiż is-sitwazzjoni fattwali fil-punti 100 sa 103 tas-sentenza appellata, fejn hija kkonstatat li l-Kummissjoni ma setgħatx tillimita ruħha li tissostitwixxi d-data miksuba bil-metodu tagħha ta' evalwazzjoni għal dik inkluża fil-PNA. Il-Qorti Ġenerali injorat li dan ma jikkonċernax id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni proprja tagħha. Id-data dwar l-emissjonijiet reali ta' CO2 kienet data li kienet ġejja direttament minn operaturi ta' stallazzjonijiet imsemmija mid-Direttiva, ivverifikati skont id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyofto (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 57), u ppubblikati fil-reġistru Komunitarju indipendenti tat-tranżazzjonijiet, u mibghuta mir-Repubblika tal-Polonja biex jikkumplimentaw il-PNA tagħha. It-tbassir ta' żvilupp tal-Prodott Gross Domestiku (PGD) għas-snin 2005-2010 kien ibbazat fuq statistiki nazzjonali mfassla b'kooperazzjoni mal-esperti nazzjonali.

75. L-ilment huwa ammissibbli. Anki jekk l-evalwazzjoni tal-fatti mill-qorti tal-ewwel istanza ma tikkostitwixxix kwistjoni ta' ligi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Gustizzja, l-iżnaturament tal-fatti jew tal-provi prodotti quddiem il-qorti jista' jiġi mistħarreġ minnha [9]. Il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn id-dettalji u l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża f'dak li jikkoncerna l-oriġini tad-data u tal-metodi li hija użat.

76. Madanakollu, dan l-ilment huwa infondat. Huwa jibbaża fuq qari żbaljat tal-punti 100 sa 103 u 120 tas-sentenza appellata. Meta akkużat lill-Kummissjoni li ssostitwit id-data miksuba bil-metodu tagħha ta' evalwazzjoni għal dawk użati mir-Repubblika tal-Polonja fil-PNA tagħha, il-Qorti Ġenerali ma kkritikatx l-għażla tad-data mill-Kummissjoni. Fil-fatt, fil-punt 120 tas-sentenza appellata, hija sostniet espliċitament li ma kienx hemm bżonn li tiddeċidi dwar il-mertu tal-għażla tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-ilment tal-Qorti Ġenerali ma kienx jirreferi għall-għażla jew l-oriġini tad-data, iżda kien jikkonċerna l-fatt li l-Kummissjoni ma stħarrġitx il-kompatibbiltà tad-data mniżżla fil-PNA Pollakk mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

C – *Dwar it-tieni parti bbażata fuq ksur tal-għanijiet tad-Direttiva*

77. It-tieni parti tat-tieni aggravju hija bbażata fuq ksur tal-għanijiet tad-Direttiva fl-interpretazzjoni tal-portata u l-ambitu tas-setgħat ta' stħarriġ tal-Kummissjoni abbazi tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

78. Din il-parti tirreferi għall-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 121 sa 131 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni tmur lil hinn mill-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi indikat livell massimu għall-kwantità totali ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li riedu jiġu allokati fid-deċiżjoni kontenzjuża.

79. Il-Kummissjoni ssostni li l-għan u l-iskop tad-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu jekk hija ma jkollhiex setgħa biex tiddetermina tali livell massimu u li l-approċċ tagħha huwa ġġustifikat mill-ekonomija tal-proċedura. Hija takkuża lill-Qorti Ġenerali li ma ddistingwitx sew bejn l-istabbiliment ta' livell massimu mill-Kummissjoni u l-iffissar tal-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati mill-Istat Membru.

80. Din il-parti ma hijiex fondata.

9 — Sentenza tat-2 ta' Marzu 1994, Hilti vs Il-Kummissjoni (C-53/92 P, Ġabra.p. I-667, punt 42) u tat-30 ta' Marzu 2000, VBA vs Florimex *et* (C-265/97 P Ġabra p. I-2061, punt 139).

81. Il-Qorti Ġenerali ġustament sostniet li d-Direttiva ma tagħtix lill-Kummissjoni s-setgħa li tistabbilixxi livell massimu vinkolanti ta' kwoti li jridu jiġu allokati f'deċiżjoni ta' ċaħda. Kif intqal iktar 'il fuq, huma l-Istati Membri li huma kompetenti għat-tfassil tal-PNA u għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. Is-setgħat tal-Kummissjoni huma limitati għal stħarriġ ta' konformità tal-PNA, li jippermettulha timblokka l-PNA li ma humiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Kummissjoni fil-fatt issostitwixxiet ruħha għar-Repubblika tal-Polonja meta ffissat livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati u li b'dan il-mod, hija daħlet fuq il-kompetenzi ta' dan l-Istat Membru.

82. Il-kritiki li l-Kummissjoni ressqet kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma humiex konvincenti.

83. L-ewwel nett, għandu jigi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li ma daħlitx fuq il-kompetenzi tar-Repubblika tal-Polonja skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva meta ffissat livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati, peress li r-Repubblika tal-Polonja żammet il-possibbiltà li tiffissa kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokati identika jew inferjuri għal dan il-livell massimu. Fil-fatt, kieku l-Kummissjoni kellha tali setgħa, hija kienet tkun tista' timponi d-data u l-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħha lill-Istati Membri sa fejn jikkonċernaw l-ammont massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati. Iżda, id-Direttiva ma tagħtihiex tali setgħa, hija tħalli marġni ta' manuvra lill-Istati Membri fl-għażla tad-data u l-metodi ta'evalwazzjoni.

84. It-tieni nett, għandu jiġi miċħud l-ilment tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx suffiċjentement inkunsiderazzjoni n-neċessità ta' funzjonament tajjeb tas-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni. Kif intqal iktar 'il fuq, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti biss setgħa ta' stħarriġ ta' konformità lill-Kummissjoni tirrizulta b'mod ċar mid-Direttiva. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-funzjonament tajjeb tas-sitema ta' skambju ma jippermettix li jingħataw setgħat supplementari lill-Kummissjoni *extra legem*.

85. It-tielet nett, l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni li huwa possibbli li jigi pprovat *ex post* li r-rikonoxximent mingħajr kundizzjonijiet tad-data dwar emissjonijiet ta' CO2 u tal-kwantità totali ta' kwoti proposti li jridu jiġu allokati, imnizzla fil-PNA tar-Repubblika tal-Polonja, wasslet mhux biss għal riżultat li jmur kontra l-kriterji 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva, iżda wasslet ukoll għal inflazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet CO2 fuq is-suq, tidher li hija bbazata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-Kummissjoni tista' tiċħad PNA li ma jkunx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva u għaldaqstant ma qisitx li l-Kummissjoni kellha tirrikonoxxi mingħajr kundizzjoni d-data inkluża fil-PNA Pollakk.

86. Fir-raba' lok, il-Kummissjoni ssostni li interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li tgħid li hija għandha s-setgħa tindika l-livell massimu ta' kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati, hija ġġustifikata minn raġuni ta' ekonomija tal-proċedura. Din tevita deċiżjonijiet suċċessivi ta' ċaħda tal-PNA minħabba inkompatibbiltà mal-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva u tippermetti lill-Istati Membri jadottaw id-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva fit-terminu previst. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li injorat is-sinifikat ġuridiku tal-ammont massimu indikat fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Din l-indikazzjoni kien ikollha biss bħala konsegwenza li tillimita s-setgħa tagħha ta' deċiżjoni. Billi indikat dan l-ammont, hija sempliċement obbligat biss lilha nnifisha li ma tirrifjutax PNA modifikat, jekk il-kwantità tal-kwoti proposta f'dan il-PNA tkun inferjuri jew ugwali għall-ammont massimu ta' kwoti indikati f'din id-deċiżjoni kontenzjuża.

87. Dan l-ilment għandu jigi miċħud ukoll bħala infondat.

88. Qabel xejn, għandu jitfakkar li ċ-ċaħda ta' PNA mill-Kummissjoni tobbliga lill-Istat Memrbu kkonċernat jimmodifika l-PNA tiegħu. Il-Kummissjoni ma tistax tissostitwixxi ruħha għall-Istat Membru f'dan ir-rigward u għaldaqstant ma tistax timmodifika l-PNA ta' Stat Membru minfloku.

89. Madanakollu, l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, jobbliga lill-Kummissjoni tindika raġunijet għalfejn hija temmen li l-PNA miċħud ma huwiex konformi mal-kriterji indikati fl-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [10].

10 — Ara, dwar dan, il-punti 107 sa 112 ta' dawn il-konklużjonijiet.

90. Xejn fid-Direttiva ma jopponi li l-Kummissjoni tifformula proposti jew rakkomandazzjonijiet fil-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' ċaħda. Għaldaqstant hija tista' tindika l-livell ta' kwoti li jridu jiġu allokati li hija tqis konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, bil-kundizzjoni li dan ma jkunx impost b'mod obbligatorju fuq l-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, fid-dawl tal-perijodu relattivament qasir li għandu Stat Membru biex jimmodifika l-PNA miċħud tiegħu, indikażzjoni bħal din tista' tkun iġġustifikata bil-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

91. Barra minn dan, il-Kummissjoni ma tmurx lil hinn mill-kompetenzi mogħtija mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, jekk hija tiddikjara fid- dispożittiv ta' deċiżjoni ta' ċaħda li hija mhux ser tiċħad PNA modifikat li jkun konformi mal-proposti u r-rakkomandazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni ta' ċaħda. Proċess bħal dan jista' jiġi ġġustifikat skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u skont l-eżiġenzi ta' ekonomija tal-proċedura.

92. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tmur lil hinn mill-kompetenzi previsti fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva meta hija tindika livell massimu obbligatorju ta' kwoti fid-deċiżjoni ta' ċaħda. Meta tipproċedi b'dan il-mod, il-Kummissjoni tmur lil hinn mill-limiti tal-istħarriġ tagħha ta' konformità u tidħol fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri.

93. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Kummissjoni marret lil hinn mill-limiti tas-setgħa tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Fil-fatt, ir-Repubblika tal-Polonja, destinatarja tad-deċiżjoni kontenzjuża, kellha tikkunsidra li l-indikażzjoni tal-ammont massimu ta' kwoti fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża kellha natura vinkolanti. Fl-Artikolu 3(3) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ppreċiżat li kwalunkwe modifika oħra tal-PNA ħlief dawk rikjesti fl-Artikolu 2 tagħha ma kinitx ammissibbli. Il-modifika li tikkonċerna l-livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati li kien previst f'dan l-artikolu kienet ibbażata fuq id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni magħżula mill-Kummissjoni. Peress li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet ħsieb teżamina jekk id-data inkluża mir-Repubblika tal-Polonja fil-PNA tagħha kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, ir-Repubblika tal-Polonja ma setgħetx tistenna li l-Kummissjoni kienet ser teżamina d-data inkluża fil-PNA modifikat tagħha li ma kinitx tosserva l-ammont massimu indikat fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni tagħha ta' ċaħda.

94. Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda.

D – *Konklużjoni*

95. Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud it-tieni aggravju kollu kemm hu.

IX – Fuq it-tielet aggravju

96. It-tielet aggravju tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 253 KE (li sar l-Artikolu 296 TFUE) u l-Artikolu 9 (3) tad-Direttiva.

97. Dan l-aggravju jirreferi għall-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 138 sa 153 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni. Fil-punti 136 sa 143 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali l-ewwel ittratta l-ambitu tal-obbligu ta' motivazzjoni. Wara li fakkret il-ġurisprudenza li tikkonċerna l-Artikolu 253 KE, hija sostniet li kien l-obbligu tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li tispejga kif id-data u l-metodu użati fil-PNA II kienu inkompatibbli mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Sussegwentement, fil-punti 144 sa 153 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet kisret dan l-obbligu ta' motivazzjoni.

98. Il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li interpretat ħażin il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 253 KE u t-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Hija tosserva li hija obbligata li tagħti motivazzjoni għal deċiżjoni ta' ċaħda b'tali mod li d-destinatarju tagħha jkun jista' jifimha u li l-Qorti Ġenerali tkun tista' tistħarreġ il-konformità tagħha mal-liġi. Il-Kummissjoni temmen li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet suffiċjenti, peress li r-Repubbika tal-Polonja kellha punti ta' fatt u ta' liġi addizzjonali.

A – *Fuq in-natura ineffettiva tal-aggravju*

99. It-tielet aggravju huwa ineffettiv. Id-deċiżjoni li jiġu annullati l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża tibbaża, l-ewwel nett, fuq il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 70 sa 133 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat żball ta' liġi tal-Kummissjoni rigward l-interpertazzjoni tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Din il-parti tal-motivazzjoni, li ma hijiex ivvizzjata bi żbalji ta' liġi [11], tiġġustifika fiha nnifisha l-annullament tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tad-deċiżjoni kontenzjuża. Żball possibbli ta' liġi fil-motivazzjoni sussidjarja tal-Qorti Ġenerali rigward il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għaldaqstant ma jistax jimmina d-deċiżjoni tagħha.

B – *Fuq il-mertu tat-tielet aggravju*

100. F'dak li jikkonċerna l-mertu tat-tielet aggravju, għandha ssir distinzjoni bejn l-obbligu ta' motivazzjon taħt l-Artikolu 253 KE u dak taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

101. Fil-punt 153 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni mingħajr ma ppreċiżat jekk din il-konstatazzjoni kinitx tirreferi għall-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jew dak stabbilit fl-Artikolu 253 KE. Fil-punti 136 sa 138 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE huwa kkonfermat ukoll fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Fid-dawl tar-relazzjoni li l-Qorti Ġenerali stabbilixxiet bejn dawn iż-żewġ obbligi ta' motivazzjoni, ma jistax jiġi eskluż li l-konstatazzjoni tagħha tirreferi mhux biss għall-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva iżda wkoll għal dak taħt l-Artikolu 253 KE.

102. Bil-kontra tal-approċċ meħud mill-Qorti Ġenerali, nemmen li għandha ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ obbligi ta' motivazzjoni. Fl-opinjoni tiegħi, il-Kummissjoni ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE, iżda kisret dak previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

1. Fuq l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE

103. L-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 253 KE jobbliga lill-istituzzjonijiet jibbażaw l-atti ġuridiċi tagħhom fuq motivazzjoni ċara u inekwivoka, b'mod li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikażżjonijiet tal-miżura meħuda sabiex ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom, u biex il-qorti tal-Unjoni tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha [12]. Huwa suffiċjenti li l-motivazzjoni tirriżulta minn kuntest fejn l-att ġie adottat flimkien mar-regoli legali kolha li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat [13]. Għaldaqstant, ma huwiex assolutament neċessarju li l-motivazzjoni ta' deċiżjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti [14].

11 — Ara l-punti 31 sa 95 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 — Sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, (C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt 96).

13 — *Ibidem*, punt 97.

14 — Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-89/08, Ġabra p. I-11245, punt 77).

104. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kisritx dan l-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-fatt, jirriżulta b'mod ċar mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża li l-Kummissjoni qieset li l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva kien jippermettilha li tidderermina n-numru massimu ta' kwoti abbażi tad-data u tal-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħha. Din il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża ppermettiet lir-Repubblika tal-Polonja tifhem ir-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni kienet adottat id-deċiżjoni kontenzjuża u lill-Qorti Ġenerali li tistħarreġ il-konformità tagħha fil-liġi.

105. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Kummissjoni interpretat ħażin is-setgħat tagħha skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva u li l-motivazzjoni tagħha tirrifletti din l-interpretazzjoni żbaljata, ma jikkostitwixxix ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 253 KE[15].

106. Il-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija għaldaqstant ivvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 253 KE.

2. Fuq l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva

107. Min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ma tidhirx li hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi sa fejn tikkonċerna l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

108. Fil-fatt, mill-formulazzjoni, mill-kuntest sistematiku u mill-għan ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li hija ma tistax tiġi interpretata bl-istess mod bħall-Artikolu 253 KE. Kif intqal iktar 'il fuq, iċ-caħda ta' PNA mill-Kummissjoni timblokka l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali mill-Istat Membru kkonċernat, li huwa obbligat jimmodifika l-PNA tiegħu u jinnotifika dan il-PNA lill-Kummissjoni f'perijodu relattivament qasir[16]. L-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva għandu għaldaqstant jiġi interpretat fid-dawl ta' dawn il-limiti *ratione temporis* u tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Minn dan isegwi li t-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva tobbliga lill-Kummissjoni tagħti kull indikazzjoni utli lill-Istat Membru, sabiex huwa jkun jista' jfassal u jinnotifika PNA modifikat kif ukoll jadotta d-deċiżjoni finali fit-terminu previst mid-Direttiva.

109. Bil-kontra ta' dak li l-Kummissjoni sostniet waqt is-seduta, l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva japplika għad-deċiżjonijiet kollha ta' ċaħda tal-Kummissjoni u mhux biss għal tieni deċiżjoni ta' ċaħda. Tali interpretazzjoni hija obbligatorja fid-dawl tal-formulazzjoni u l-għan ta' din id-dispożizzjoni.

110. Kif il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 144 sa 153 tas-sentenza appellata, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża ma ssodisfatx ir-rekwiżiti tat-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Fil-fatt, fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni, kien l-obbligu tal-Kummissjoni li turi, l-ewwel nett, kif l-informazzjoni u l-metodu sostnut mir-Repubblika tal-Polonja ma kinux josservaw il-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva. Iżda l-Kummissjoni sempliċement esprimit dubji dwar l-affidabbiltà tad-data li r-Repubbika tal-Polonja inkludiet fil-PNA u llimitat ruħha li tissostitwixxi d-data tal-għażla tagħha għal dik tar-Repubblika tal-Polonja, filwaqt li sostniet li d-data tal-għażla tagħha kienet iktar affidabbli. Tali motivazzjoni ma tippermettix lir-Repubblika tal-Polonja li tifhem r-raġunijiet għalfejn l-għażla tagħha tad-data u tal-metodi ma kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Annes III tad-Direttiva.

15 — Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, International Power *et* vs Il-Kummissjoni (C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, Ġabra p. I-11421, punti 134 sa 139).

16 — Ara l-punti 37 sa 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

111. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, la l-fatt li r-Repubblika tal-Polonja kienet bagħtet aġġornament tal-emissjonijiet ta' CO2 għas-sena 2005, lanqas il-fatt li r-Repubblika tal-Polonja kellha punti supplimentari ta' fatt u ta' liġi bis-saħħa tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2006 [17] u tad-dibattiti tal-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima, ma neħħewlha l-obbligu li turi kif id-data li r-Repubblika tal-Polonja kienet ippreżentat fil-PNA ma kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Kif intqal iktar 'il fuq [18], il-parametri applikabbli biex jiġi evalwat jekk PNA huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva ma kinux armonizzati u d-Direttiva ma tagħtix lill-Kummissjoni jew lill-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima setgħa ta' standardizzazzjoni.

112. Għaldaqstant, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni taħt it-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, hija ma wettqet l-ebda żball ta' liġi.

C – *Konklużjoni*

113. It-tielet aggravju tal-Kummissjoni huwa għaldaqstant fondat sa fejn jikkonċerna l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 253 KE. Madanakollu, it-tielet aggravju ma setax jintlaqa', fl-ewwel nett, minħabba li jirreferi għal motivazzjoni sussidjarja tas-sentenza appellata, u t-tieni nett, minħabba li ma huwiex fondat fejn jikkonċerna l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

114. Għaldaqstant, it-tielet aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

X – Fuq ir-raba' aggravju

115. Bir-raba' aggravju tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta qieset li d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli u li għalhekk kien meħtieġ li din tal-aħħar tiġi annullata fl-intier tagħha.

116. Dan l-aggravju jirreferi għall-punti 155 sa 163 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li annullament li jirrigwarda biss l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża jimmodifika s-sustanza, anki dik tal-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.

117. Il-Kummissjoni tqis li dawn id-dispożizzjonijiet kienu separabbli mill-bqija tad-deċiżjoni kontenzjuża. Hija ssostni li annullament parzjali li jirrigwarda biss dawn id-dispożizzjonijiet ma kienx ibiddel id-deċiżjoni kontenjzjuża f'deċiżjoni li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tadotta.

118. Ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

119. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-annullament parzjali ta' att ta' istituzzjoni jeżigi li d-dispożizzjonijiet annullati tal-att ikunu separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra u li dan l-annullament parzjali tal-att ma jimmodofikax is-sustanza tiegħu [19]. L-att huwa mmodifikat fis-sustanza tiegħu meta l-awtur tiegħu, minn perspettiva oġġettiva, ma jkunx adotta dan l-att bid-dispożittiv modifikat.

17 — Komunikazzjoni COM (2006) 725 finali tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar l-analiżi tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra fit-tieni perjodu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet li jakkumpanjaw Deċiżjonijiet tad-29 ta' Novembru 2006 dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni tal-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit skond id-Direttiva 2003/87/KE..

18 — Ara l-punti 55 u 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

19 — Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-29/99, Ġabra p. I-11221, punt 45); tat-30 ta' Settembru 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-239/01, Ġabra p. I-10333, punt 33); tal-24 ta' Mejju 2005, Franza vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-244/03, Ġabra p. I-4021, punt 13).

120. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-annullament iżolat tal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża kien immodifika s-sustanza tagħha.

121. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li d-diversi paragrafi tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli. Ċertament, id-diversi paragrafi ta' dawn l-artikoli jirreferu għal aspetti differenti tal-PNA u għal kriterji differenti tal-Anness III tad-Direttiva. Madanakollu, mill-istruttura tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li annullament parzjali li jirrigwarda biss il-paragrafu 1 tagħhom kien ikollu bħala effett il-modifika tas-sustanza tagħhom. L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża kien fih lista eżawrjenti tal-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-konformità tal-PNA tar-Repubblika tal-Polonja mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali, annullament parzjali li jirrigwarda biss il-paragrafu 1 tagħha kien ikollu bħala effett li jillimita din il-lista eżawrjenti. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża kien fih l-impenn tal-Kummisjsoni li ma topponix għal PNA tar-Repubblika tal-Polonja jekk din timmodifika l-PNA tagħha skont is-suġġerimenti elenkati fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-artikolu. Annullament parzjali li tirrigwarda biss il-paragrafu 1 tiegħu kien ikollu bħala konsegwenza li jnaqqas l-għadd ta' modifiki li suġġett għalihom ingħata inizjalment dan l-impenn tal-Kummissjoni.

122. Kemm mid-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li hija ma kinitx lesta li taċċetta l-kwantità ta' kwoti li r-Repubblika tal-Polonja kienet ipproponiet fil-PNA tagħha peress li kienet meqjusa eċċessiva. Dan huwa kkonfermat *ex post* mill-fatt li l-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li fiha ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Polonja minħabba, b'mod partikolari, l-inkompatibbiltà ta' għadd ta' kwoti massimi mal-kriterji Nru 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li annullament parzjali li jirrigwarda biss l-Artikolu 1(1), u l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża kien jimmodifka s-sustanza tagħha.

123. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Artikolu 3(3) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma huwiex separabbli mill-Artikoli 1 u 2. Hemm rabta mill-qrib bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tirreferi għal modifiki li l-Kummissjoni qieset neċessarji bħala rimedju għall-inkompatibbilitajiet ikkonstatati fl-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni, iżda li huma separati mill-proposti tal-Kummissjoni elenkali fl-Artikolu 2 tagħha.

124. It-tielet nett, f'dak li jikkonċerna n-natura separabbli tal-Artikolu 3(2) tad-deċiżjoni kontenzjuża, li jirrigwarda l-modifiki dwar il-kwoti li jridu jiġu allokati għal ċertu stallazzjonijet, għandu jiġi kkonstatat li ż-żamma iżolata ta' din il-parti tad-deċizjoni kkontestata xorta waħda kienet timmodifika s-sustanza tagħha. Kif intqal iktar 'il fuq [20], Stat Membru jista' jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu fuq PNA li ma ġiex ikkontestat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-istħarriġ previst skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Deċiżjoni li fiha l-Artikolu 3(1) biss tad-deċiżjoni kontenzjuża jinżamm, tkun deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni ma tkun qajmet l-ebda oġġezzjoni rigward il-kriterji Nru 1 sa 3, 5, 6, 10 u 12 tal-Anness III tad-Direttiva. Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Polonja setgħat tibbaża d-deċiżjoni finali tagħha skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva, fuq il-PNA inizjali tagħha. Mid-deċiżjoni kontenzjuża u mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tadotta tali deċiżjoni.

125. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat li l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli mill-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.

126. Għalhekk ir-raba' aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud bħala infondat.

20 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

XI – Fuq it-talba li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra tar-rikors

127. Ir-Repubblika tal-Polonja talbet li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra tar-rikors fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċħadx l-appell kollu kemm hu. Peress li l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata din it-talba.

XII – Konklużjoni

128. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1. tiċħad l-appelli tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, (T-183/07);

2. tikkundana lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-Repubblika tal-Polonja u tagħha stess;

3. tikkundanna lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u r-Renju tad-Danimarka għall-ispejjeż tagħhom stess.